MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Numru. 535/2011

**Il-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**VS**
**NOEL ABDILLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Noel Abdilla, ta’ 23 sena iben Emanuel u Grace nee’ Schembri, imwieled il-Pieta fis-26 ta’ Dicembru, u prezentament jinsab fil-fond: Flt. Nru. 10, Gebel San Martin, Binja San Martin, Indipendenza, iz-Zejtun u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 6288(M).

A) Billi huwa akkuzat talli, nhar id-29 ta’ Awwissu, 2010, ghal habta tal-10:15 ta’ filghaxija, filwaqt li kien fi Triq Gebel Hanxul gewwa Wied il-Ghajn, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli, cioe' ikkawza hsara volontarja fuq il-vettura ta' ghamla Jeep, mudell Chereokee u li ghandha n-numru tar-registrazzjoni: IBB-261, ghad-dannu ta' Christian Calleja u persuni ohra, liema hsara teccedi l-116.47 ewro.

B) U aktar talli fl-istess data, hin u cirkustanzi, filwaqt li kien fi Triq Gebel Hanxul, gewwa Wied il-Ghajn, saq il-vettura tal-ghamla Skoda, mudell Favorit, bin-numru tar-registrazzjoni: EAB-409, b'manjiera perikoluza.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta' Noel Abdilla du dan skont kif inhu mitlub fl-Art. 15 (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra tal-esperti skont l-Art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputat , sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja,

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-verbal tal-1 ta'Gunju 2011 fejn l-Ufficjal Prosekutur irtira t-tieni akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat;

Semghet l-ammissjoni ta'l-imputat, Noel Abdilla ghal rigward tal-ewwel akkuza;

Semghet il-konferma ta' l-ammissjoni ta' l-imputat, Noel Abdilla kif fuq indikata, wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess amissjoni tieghu il-Qorti issib lill-imputat **Noel Abdilla** hati tal-ewwel akkuza; rat illi it-tieni akkuza giet irtirata mill-prosekuzzjoni u wara li rat l-Artikoli 325 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta , Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'Malta tqieghed lill-imputat **Noel Abdilla taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sena (1),** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammisjoni bikrija ta' l-imputat , l-eta govanili tieghu, u l-fedina penali tieghu w fatt li l-imputat hallas fil-mori tal-kawza ghal hsara kollha li wettaq.

Il-Qorti tordna lill *Probation Officers* nominati sabiex jirraputaw lil Qorti kull erba' xhur dwar il-progress o meno tal-imputat.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-*Probation Services*.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------